**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tad-29 ta' April 2019**

**Avviz Nru: 29/18SG**

**All Financial Services Ltd**
**vs**

**Rylex Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviż odjern li permezz tiegħu s-soċjeta rikorrenti qed titlob ħlas mill-intimata ta' tmint elef, seba' mija u tnax-il Ewro (EUR 8,712.00) rappreżentanti t-total tal-import ta' zewġ ċekkijiet mhux onorati (maħruġin fit-12 ta' Novembru 2013 u fl-4 ta' Diċembru 2013) li kellhom jitħallsu għall-valuta estera mixtrija mis-soċjeta' intimata mingħand ir-rikorrenti u l-import ta' żewġ ċekkijiet maħruġa fuq struzzjoni ta' l-intimata.

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' ittra uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A (Rif 12/2018) ippreżentata preċedentement u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment, bl-imgħax mid-dati rispettivi ta' kull ċekk.

Rat ir-risposta tas-soċjeta intimata fejn ġie eċċepiet li:

1. *Illi in linea preliminari, l-meritu tat-talba attriċi kif dedota huwa identiku għal dak tal-kawża ġja' pendenti fl-ismijiet Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi vs All Financial Services Ltd (290/2014 SM) quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, tant illi l-ewwel talba attriċi kif dedotta f' dawk il-proċeduri taqra testwalment: "Tiddikjara illi l-esponenti ġja' ħallsu, lill-kumpannija konvenuta, l-ammont ta' EUR 8,712 meritu taż-żewġ*

*transazzjonijiet tal-4 ta' Novembru 2013 u tas-26 ta' Novembru 2013 rispettivament, u li konsegwentement l-istess imsemmi ammont ta' EUR 8,712 m'għadux dovut mill-istess esponenti lill-istess kumpannija konvenuta", u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tissoprassjedi fil-proċeduri odjerni, pendenti l-eżitu definittiv tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi li jinstab differit għall-provi ta' All Financial Services Ltd għat-3 t' Ottubru 2018;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-ammont reklamat mill-kumpannija attriċi f' din l-istanza ġja' tħallas mill-kumpannija eċċipjenti lill-istess kumpannija attriċi u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, l-ammont reklamat mill-kumpannija attriċi f' din l-istanza jirrapreżenta self li ngħata mill-istess attriċi lill-kumpannija esponenti li jikkomprendi imgħaxijiet ta' wieħed fil-mija (1%) kuljum, u konsegwentement it-talba tal-kumpannija attriċi kif dedotta hija, fi kwalunkwe każ, totalment infondata fil-fatt u fid-dritt;*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, t-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jiġu respinti, u dan kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
5. *Salv risposti ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat illi nġabru provi dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Semgħet trattazzjoni.

Rat li l-kawża kienet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

Din is-sentenza titratta eċċezzjoni għal soprasessjoni tal-kawża odjerna sabiex din terga' tiehu l-kors taghha wara li tigi deciza l-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi vs All Financial Services Ltd (Rikors Guramentat Nru 290/2014 SM).

Huwa pacifiku fil-gurispudenza li s-soprasessjoni ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti, fis-sens li l-kwistjoni nvoluta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra tista' tinfluwixxi fuq il-mertu ta' l-azzjoni prezenti (ara f'dan is-sens George Cassar vs Francis Xuereb

Appell Civili 12.03.1973; u Francesco Galea vs Pawlu Galea Appell Sede Inferjuri 23.04.1955).

Ghalhekk is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra (Joseph Degaetano vs Avv Louis Galea Appell Civili 05.10.1981):

*"Is-soprasessjoni hemm lok għaliha meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għas-soprasessjoni jekk ma teżistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalità ta' din id-dipendenza".*

Is-soprasessjoni ghalhekk hija ndikata f'dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghall soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta (Joseph Azzopardi vs Victor Critien Qorti Civili Prim Awla 12.04.1962).

Huwa ben stabbilit ukoll li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikorri ghalih biss meta tinqala kwistjoni li d-decizjoni taghha tista' tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f'kawza ohra separata. (Ara f'dan is-sens Joseph Gaffarena vs Mixer Concrete Works Limited Qorti Civili Prim Awla 27.05.05; u Carmelo Calamatta vs Mario Darmenia Appell Sede Inferjuri 12.11.03; Joseph Camilleri vs Joseph Vassallo Gatt Qorti Civili Prim Awla 23.05.1997; u Angelo Mallia vs David Mallia Qorti Civili Prim Awla 31.05.2004). In fatti, il-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "Cassar vs Xuereb" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita`.

Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "Cuschieri vs Onor Prim` Ministru" – 12 ta` Awissu 1994).

L-għoti tas-soprasessjoni huwa għal kollox fid-diskrezzjoni tal-qorti (Kollez. Vol XXXII.II.197). L-eserċizzju ta' diskrezzjoni mill-ġudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta' kull każ (ara – Appell Ċivili – Grech noe vs Buttigieg et noe – 26 ta' Marzu 1984).

Fil-kawża fl-ismijiet Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru deċiża (QK) fl-20 ta' Lulju, 1994. Intqal li:

*"Is-soprassessjoni hija, minnha nnifisha miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta' kawża b'mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata' fi żmien raġonevoli".*

Il-qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun sejra tbati preġudizzju. (Amber Properties Limited (C-28781) vs. Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) et PA 25 ta' Marzu 2013).

**Ikkunsidrat:**

L-avviz odjern jitratta talba ghal hlas ta' EUR 8,712.00 rapprezentanti t-total tal-import ta' żewġ ċekkijiet mhux onorati li kellhom jitħallsu għall-valuta estera mixtrija mill-intimata mir-rikorrenti u li l-import ta' żewġ ċekkijiet kienet maħruġa fuq struzzjoni tal-intimata.

Fir-risposta maghmula mill-intimata, ġie eċċepiet li l-mertu ta' din il-kawża huwa identiku għal dak tal-kawża ġja pendenti fl-ismijiet Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi vs All Financial Services Limited.

Il-Qorti sejra issa tezamina l-kawza bin-numru 290/14 pprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' April 2014. F' din il-kawza, Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi qed jitolbu li jigi dikjarat li huma ħallsu lil All Financial Services Limited l-ammont ta' EUR 8,712 u li għalhekk ma għadiex dovuta din is-somma. Ġie mitlub fost talbiet oħra li jiġi ordnat li All Financial Services Limited għandha tirritorna lura ż-żewġ ċekkijiet datati 12 ta' Novembru 2013 u 4 ta' Diċembru 2013.

Fir-risposta ġuramentata All Financial Services Limited eċċepiet fost eċċezzjonijiet oħra li d-debitu għadu dovut.

Il-kontestazzjoni f' dan l-istadju hija li skont l-intimata, l-ewwel ghandha tigi deciza l-kawza pedenti quddiem il-Prim Awla ghax din tikkostitwixxi proprju l-istess mertu ta' din il-kawża u għalhekk l-eżitu ta' dik il-kawża sejjer jinfluwixxi l-ezitu tal-proceduri odjerni.

Il-Qorti tqis illi l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jista' jinfluwixxi fuq il-mertu ta' din il-kawża u jista' jincidi fuq il-mertu tat-talbiet tal-kawza odjerna. Tezisti dipendenza jew almenu l-potenzjalita' ta' din id-dipendeza mal-kawza l-ohra. Dana jirrizulta minn qari ta' din il-kawza u l-eccezzjonijiet imqajjma kif ukoll minn qari tal-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Għalhekk huwa espedjenti u neċessarju fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja illi din il-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi vs All Financial Services Ltd (Rik Gur Nru 290/2014SM).

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta intimata, tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) ta' din il-kawża, u konsegwentement tħalli l-kawża sine die, riappuntabbli skont il-proviżo għall-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet permezz ta' rikors sa żmien perentorju ta' ħmistax-il jum mid-data li fiha l-kawża fl-ismijiet Rylex Holdings Limited u Ronald Azzopardi vs All Financial Services Ltd (Rik Gur Nru 290/2014SM) tkun għaddiet in ġudikat.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Dr Simone Grech** **Karen Falzon**
**Maġistrat** **Deputat Registratur**